# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**
**Dr. Noel Cuschieri LL.D., Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 1/02***

***Pulizija***
***Spettur A Zammit***
***vs***
***Silvio Buttigieg***

Illum 08 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reat ta' **Pussess illegali tad-droga eroina u recedivita skond l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 f'sentenza moghtija lilu datata l-1 ta' Gunju 1999.**

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, u jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputat taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghall-perijodu adegwat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi ai termini tar-reat ir-regolament 8 tal- GN 292/39 ; izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat taht ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation ……………………… ghal zmien sentejn*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma' dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess a tenur ta' l-Art. 5 tal-Kapitlu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat ta' l-imsemmi provvediment.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***